**19 ta' Frar, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci,C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

**Leonardo Sacco et. ne.**

*versus*

**Joseph Bonnici**

**Danni — Ħtija Kontributorja — Art. 1094 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Jekk tnejn minn nies jikkaġunaw danni lil xulxin bi ħtija tat-tnejn, ikun hemm ħtija kontributorja li tirrendihom it-tnejn responsabbli għall-ħsara.*

*Xejn ma jiswa lil wieħed minnhom il-fatt li dak li għamel għamlu bil-permess tal-Pulizija; għaliex il-Pulizija tagħti dak il-permess għax ikun rikjest skond il-liġi, imma mingħajr ma tirrendi ruħha responsabbli tal-għemil minnha awtorizzat u mingħajr ma tiggarantieh. Kif lanqas jiswa l-fatt illi fl-imgħoddi dejjem sar l-istess u ma ġara qatt xejn; għax dan ma jfisserx illi għandu jibqa' dejjem ma jiġri xejn.*

*L-apporzjonament tal-ħtija u tal-konsegwenti responsabbiltà jiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti; u l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk ma jkunx jidher ċar li hemm raġunijiet ta' ċerta gravità.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-atturi wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, peress li l-konvenut minħabba ħtija u traskuraġni tiegħu, waqt li kien qed isuq motor-car, investa u kkawża danni f'pedestall tal-injam għad-dannu tal-instanti nomine, li huma proprijetarji tal-istess pedestall, erett flimkien mal-armar l-ieħor ta' barra fl-okkażjoni tal-festa ta' San Leonardu, u dan il-fatt ġara fid-9 ta' Novembru 1952 f'Kirkop Square, Kirkop; premess li preventivament għat-tpoġġija ta' dan

*l-armar ġie debitament ottenut il-permess tal-Pulizija rik*-jest, u in segwitu l-istess armar kien jikkonforma f'kollox mar-rekwiżiti tal-imsemmi permess; talbu li l-konvenut, prevja d-dikjarazzjoni li huwa responsabbli, billi kellu ħtija, tad-danni kawżati fil-pedestall li kien erett f'Kirkop Square, Ħal-Kirkop, meta huwa fid-9 ta' Novembru 1952 investa l-istess pedestall waqt li kien qiegħed isuq awtomobbli, jiġi kundannat iħallas lill-instanti nomine, a saldu u in linea tal-istess danni, dik is-somma li tiġi likwidata waqt it-trattazzjoni tal-kawża bit-talba għan-nomina ta' *periti, jekk neċessarju, tant sabiex tiġi stabbilita r-res*-ponsabbiltà tal-konvenut, kemm biex jiġu fissati d-danni dovuti lill-atturi. Bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali kontra l-konvenut mill-ġurnata tan-notifika ta' dan l-att;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Marzu 1961, li biha ddikjarat illi l-konvenut bin-negliġenza tiegħu kkaġuna ħsara lill-attur nomine, u illi għall-ħsara minnhom sofferta kkontribwew *u taw lok l-atturi stess, dawn fil*-proporzjon ta' tliettax il-parti minn żbatax (13/17) u l-konvenut fil-proporzjon ta' erbgħa partijiet minn żbatax (4/17); illikwidat l-ammont tal-ħsara sopportabbli mill-konvenut a favur tal-atturi, fil-proporzjoni premessa, fis-somma ta' £20; ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-atturi nomine ammont ekwivalenti, flimkien ma' erbgħa partijiet minn żbatax tal-ispejjeż tal-kawża; u f'dan is-sens laqgħet it-talba tal-atturi; wara li kkunsidrat;

*Fid-9 ta' Novembru 1952, waqt li l-konvenut kien isuq* il-karrozza 6357 f'Kirkop Square, laqat bir-rota tal-lemin ta' quddiem l-armar tal-pedestall imwaqqaf mill-każin tal-atturi. Il-pedestall waqa' fuq il-karrozza u ġratlu l-ħsara, kif ukoll ġratilha ħsara l-karrozza;

B'digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' Ġunju 1958, l-Arkitett u Inġinier Ċivili Paul Mercieca ġie nominat biex jeżamina l-armar tal-pedestall u jirrelata jekk dak inhar tal-fatt kienx armat skond is-sengħa biex ma jkunx jikkostitwixxi perikolu, u biex l-istess perit *jagħti l-opinjoni teknika tie*-għu kif seta' ġara l-fatt in kwistjoni;

B'relazzjoni tad-29 ta' Mejju 1959 il-perit, wara li ddeskriva l-armar tal-pedestall, ikkonkluda illi dak inhar talfatt dan ma kienx magħmul skond is-sengħa biex ma jkunx jikkostitwixxi perikolu. għar-raġuni li hu kien qiegħed iżomm fuq it-tarġiet bil-fus tiegħu biss, u dawn it-tarġiet kienu maqsumin minn nofs bla ma kienu mwaħħlin. Inoltre, fit-trieq kien hemm dislivell; u biex jillivellaw l-armar kienu tqegħdu bċejjeċ ta' xorok u njam bħala kavilji, u b'dak il-mod kollox kien maħlul; il-ġebla li qegħdu taħt ir-ras tal-armar kienet toħroġ barra mill-ewwel tarġa xi pulzier. Dak inhar tal-fatt it-tarġiet isseparaw ruħhom minn xulxin, għax ma kienux sodi u mwaħħlin ma' xulxin; il-bażi, li ma kienetx marbuta bl-ebda mod, iċċaqalqet, niżlet fil-vojt taż-żewġ tarġiet meta dawn isseparaw ruħhom, u l-parti ta' fuq, li kienet minċottjata, żbilanċjat ruħha kollha f'daqqa u waqgħet. Li kieku ttieħdet il-prekawzjoni li jsir serratizz fin-nofs, kien jiġri li l-parti ta' fuq kienet tiċċaqlaq, imma jekk is-serratizz ikun imwaħħal fl-art tajjeb, ma kienetx taqa', u b'hekk il-ħsara, jekk kienet issir kienet tkun ferm żgħira;

Il-perit osserva illi, fil-pożizzjoni li kien, l-armar kien jostakola ċ-ċirkolazzjoni libera tal-vejikoli; u osserva illi dak inhar tal-fatt kien hemm armat anki palk tal-banda li kien jirrendi l-passaġġ aktar ristrett u illi, għalkemm dinhar kienu għaddew karrozzi bla ma ġara xejn, oħrajn kellhom jirrikorru għal min jiddiriġihom biex jgħaddu. Kollox juri, ikkonkluda l-perit, illi l-konvenut, li kien isuq bil-mod, ħabat mal-ġebla jew xrieq li kien hemm taħt ir-ras tat-taraġ tal-pedestall, din iċċaqalqet u ċaqalqet iż-żewġ tarġiet, li sseparaw minn xulxin u l-pedestall, billi ma kienx minċottjat, waqa';

B'digriet tat-28 ta' Marzu 1960 dil-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor John Pullicino biex jirrelata fuq is-sewqan tal-konvenut dak inhar tal-fatt, u jagħmel l-osservazzjonijiet meħtieġa għall-każ;

B'rapport tat-18 ta' April 1960, il-perit ġudizzjarju rrelata hekk—

1. Illi jirriżulta minn ħafna xhieda li l-karrozza misjuqa *mill-konvenut rifset ġebla li kien hemm taħt pedestall* bħala kavilja minħabba fid-dislivell tat-trieq; liema ġebla kienet tisporġi minn bejn l-art u l-pedestall xi pulzier; u illi skond ix-xhieda ta' Teresa Callus (fol. 50), il-karrozza laqtet ukoll il-pedestall;

2. Illi l-inċident kien kaġunat billi l-karrozza ħabtet mal-ġebla (u aktarx anki mal-pedestall) u ċaqalqet il-pedestall; u billi dan ma kienx armat b'mod sod, malli ċċaqlaq ikkrolla;

3. Illi l-karrozza tal-konvenut hi wiesgħa ħames piedi u disgħa pulzieri u nofs, u kienet diretta minn Kirkop Square għal ġo High Street. Kien hemm fil-pjazza l-pedestall, u fil-ġenb tal-pjazza ħdejn il-knisja kien hemm pedestall ieħor żgħir. L-ispazju bejn il-pedestall il-kbir u l-ieħor kien ta' disgħa piedi, u minn dan l-ispazju kellu *jgħaddi t-traffiku dirett għal High Street. Kif kien il-*pedestall il-kbir, il-karrozzi kellhom jikkwartjaw, u jiġbdu l-ewwel għal fuq ix-xellug, u mbgħad iduru lejn il-lemin u jerġgħu jaqbdu għal fuq ix-xellug biex *jimbokkaw High* Street, u kien waqt dil-manuvra tal-konvenut li ġara l-fatt;

4. Illi kien obbligu tal-konvenut li jevita li jisbrixxa mal-armar; u darba li ried jgħaddi minn dak l-ispazju kellu joqgħod attent illi ma jaħbatx, kif ma ħabtux vejikoli akbar minn tiegħu;

5. Illi darba li l-pedestall kien armat ħażin, u kieku kien armat sewwa l-ħsara kienet tkun "al più" żgħira ferm, kien hemm *konkors ta' ħtijiet,* u *l-kontribuzzjoni kolpuża* tal-konvenut kienet ta' grad konsiderevolment inferjuri għal dik ta' min għandu jirrispondi għal kif ġie armat il-pedestall;

Il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-periti ġudizzjarji, u tadottahom. Il-pedestall ma kienx armat skond is-sengħa biex *ma jikkostitwix perikolu. Darba li l-armar* li kien hemm fil-pjazza kien jikkostrinġi lill-vejikoli illi jagħmlu manuvra ta' tidwir minn spazju ristrett biex joħorġu mill-pjazza għal High Street, dak il-pedestall kellu

jiġi marbut b'mod li ma jikkrollax b'ħabta żgħira miegħu. Din ma kienetx eventwalità straordinarja, għaliex, għalkemm għaddew minn dak l-ispazju karrozzi akbar minn dik tal-konvenut, jibqa', b'dan kollu, illi kien preżenti kontinwament il-perikolu li xi waħda tirrokka l-pedestall. Xejn ma jiswa illi għall-armar kien hemm il-permess tal-Pulizija; għax dan ma jinnewtralizzax in-nuqqas ta' diliġenza u prudenza fil-mod li l-pedestall kien ġie mwaqqaf, għoli u tqil kif kien, partikolarment fuq art slivellata u b'ġebla taħtu movibbli biex tikkompensa għall-islivell. Minn naħa l-oħra, il-konvenut ma mmanuvrax il-karrozza sewwa biex ma jolqotx il-pedestall. Kif osserva t-tieni perit ġudizzjarju, stante l-isporġenza żgħira tal-ġebla l-konvenut bilfors laqat mhux biss lil dik il-ġebla, imma anki l-bażi tal-pedestall. Huwa fatt illi b'aktar attenzjoni l-konvenut kien jevita li jaħbat;

Għalhekk kien hemm konkors ta' ħtijiet, dik tal-konvenut u dik tal-atturi, bħala responsabbli, "qua" rappreżentanti tas-soċjetà attriċi, għall-armar tal-pedestall; u hekk hu applikabbli l-art. 1094 tal-Kodiċi Ċivili. Billi, però, id-distribuzzjoni tal-armar fil-pjazza kienet tikkostrinġi lill-vejikoli diretti għal High Street jagħmlu manuvra skabruża fi spazju dejjaq, l-atturi kellhom obligu strett illi jassiguraw li l-pedestall ikun kostruwit u marbut b'mod li ma jikkrollax b'investiment hekk żgħir, bħal ma ġara f'dan il-każ. Jekk minn naħa l-waħda l-konvenut b'aktar attenzjoni, seta' ma ħabatx, minn naħa l-oħra, kieku l-pedestall kien mibni sod, ma kien jiġri xejn b'ħabta tant żgħira;

Irriżulta illi l-ħsara sofferta mill-atturi nomine bilwaqgħa tal-pedestall kienet tammonta fl-1952 għal £80; il-lum, minħabba l-għoli tal-pagi, il-ħsara hija aktar; u l-Qorti tiffissaha fis-somma ta' £85;

Rat in-nota tal-appell tal-atturi, u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li dik is-sentenza tiġi riformata, billi l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli waħdu tal-fatti ndikati fiċ-ċitazzjoni u fiċ-ċirkustanzi hemm imsemmija, u kundannat iħallas id-danni kollha provokati minnu, oltre l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi;

Rat ir-risposta tal-*konvenut*, li biha appella nċidentalment minn dik is-sentenza, u talab (a) li *l-appell* prinċipali jiġi miċħud bl-ispejjeż, u b'hekk l-appellanti jiġu *esklużi* mill-istanza tagħhom "in toto", (b) u jiġi milqugħ l-appell inċidentali, b'mod li s-sentenza appellata tiġi riformata fis-sens li l-konvenut, f'lok f'parti, jiġi liberat għal kollox u l-ispejjeż kollha jeħluhom l-atturi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li nġiebu raġunijiet tajba kontra s-sentenza appellata, la da parti tal-*atturi* u lanqas da parti tal-konvenut u fil-fehma ta' din il-Qorti dik is-sentenza hi ġusta;

Infatti, din il-Qorti ma ssib kważi xejn utili x'iżżid ma' dak li jingħad fiha, b'riferenza wkoll għar-rapporti tal-*perit* tekniku u tal-perit legali mqabbdin mill-Ewwel Onorabbli Qorti. L-ilmenti, tant tal-parti waħda kemm tal-oħra, huma ġa nkontrati b'dak li hu rilevat u diskuss fiż-żewġ rapporti u fis-sentenza appellata;

Kwantu għall-ilmenti tal-atturi, biżżejjed li l-Qorti tosserva kif ġej;

Huma l-ewwelnett jippretendu illi l-pedestall in kwistjoni kien mibni sewwa u kien sigur u solidu. L-aħjar prova li dan ma kienx hekk qegħdha fil-fatt *innifsu*; *infatti*, mal-anqas daqqa (u l-provi juru konkludentement illi d-daqqa mal-ġebla jew mal-bażi kienet sbrixxatura, jew mesħa) ikkrolla *kollu*. *Difatti forsi aktar gravi mill-istess nuqqas ta' serratizz fin-nofs kien il-mod kif kienet magħmula l-bażi*. Din kienet tikkonsisti f'żewġ nofsijiet, poġġuti ma' xulxin bla ebda rbit la bejniethom u lanqas mal-art. Perdipjù, kienu mqegħdin fuq art fejn kien hemm disliveli, u kienu livellati permezz ta' kavilji ta' bċejjeċ ta' njam u ġebla. Armat ġo nofs it-triq, mnejn igħaddi t-traffiku, bi spazju ferm limitat għal mogħdija ma kienx imprevedibbli, anzi kien wieħed jistenna li xi darba jew oħra din il-

bażi tintlaqat. Malli ntlaqtet kemm xejn, u, kif wieħed kellu jobsor, iż-żewġ nofsijiet iċċaqalqu minn ma' xulxin, ta' fuqhom waqa' kollox;

Il-fatt li bnadi oħra wkoll jista' hemm pedestalli bħal dak in kwistjoni li intramaw bħalu ma jwassalx imkien. Jekk iċ-ċirkustanzi huma tassew identiċi, u jiġri aċċident kif ġara f'dan il-każ, huma wkoll, talvolta, jistgħu jinstabu kundannabbli;

Fit-tieni lok, l-atturi nvokaw favur tagħhom infushom il-permess tal-Pulizija. Iżda dan il-permess kien biss biex jawtorizza lill-atturi jarmaw il-pedestall fit-trieq, peress illi skond il-liġi ħadd ma jista' jqiegħed ingombri fi trieq publika mingħajr dak il-permess. Dan ma jfisserx, però, illi l-Pulizija b'dak il-permess kienet qegħdha tirrendi ruħha responsabbli dwar is-solidità tiegħu jew tiggarantiha;

Xejn, anqas, ma jipprova favur l-atturi l-fatt illi l-pedestall kien ilu jintrama bl-istess mod għal bosta snin, u li traffiku ieħor, anki ta' karrozzi kbar, kien għadda mill-ispazju ta' ma' ġenbu bla ma ġara xejn. L-ewwelnett, malkors tas-snin iċ-ċirkustanzi tbiddlu, u dak li seta' ma kienx kolpus u prevedibbli ħamsin jew sittin sena ilu bit-tibdil fil-mezzi tat-trasport sar prevedibbli, u l-grad ta' diliġenza normali biex ma jiġrix kiber. It-tieni nett, il-bona fortuna li seħħet għal xi żmien, fis-sens illi r-riskju ma avverax ruħu f'dannu, ma setgħetx titqies li kellha bilfors tkompli għal dejjem;

Gravam ieħor tal-atturi huwa illi peress illi l-kawża li ġiebet il-kollass tal-pedestall kienet il-ħabta kaġunata mill-konvenut, l-art. 1094 dwar il-"contributory negligence" ma kienx applikabbli. Ċertament mingħajr il-ħatba tal-konvenut il-pedestall ma kienx jaqa'; imma minn naħa l-oħra hu ugwalment ċert illi mingħajr id-difett fil-kostruzzjoni tal-pedestall dik il-ħabta ma kienetx tikkaġuna l-ħsara li ġrat; anzi kien dan id-difett li l-aktar ta lok għal dawn id-danni, għax mingħajru l-ħabta kienet iġġib ħsara wisq żgħira. Ta' min josserva illi l-liġi, fl-art. 1094, ma tgħidx illi d-danneġġjat ma jkollux dritt għad-danni kol-

lha, jekk hu jkun "ikkawża" l-ħsara f'parti, iżda tgħid illi hu ma jkollux dak id-dritt jekk hu jkun "ikkontribwixxa jew ta okkażjoni" għad-danni. Jiġifieri il-kwistjoni hi waħda ta' responsabbiltà;

Mill-bqija, il-Qorti taqbel mal-apprezzament tal-provi magħmul in prima istanza;

Dan jgħodd ukoll għall-appell inċidentali tal-konvenut. Huwa wkoll għandu jitqies responsabbli, in kwantu ma saqx il-karrozza bil-mod attent li kien imissu biex jevita li jolqot il-pedestall jew il-kavilji ta' taħtu;

Tibqa' biss il-kwistjoni tal-apporzjonament tar-responsabbiltà. Kif osservat din il-Qorti fil-kawża "Arrigo vs. Laferla", 16. 5. 1960, b'ċitazzjoni tal-ġurisprudenza Ingliża, "apportionment involves an individual choice as to which there well may be differences of opinion by different minds. For this reason, it should be interfered with only in very exceptional cases" (ara wkoll "Zahra vs Ashley", App. Ċiv. 24. 6. 1960, fejn din il-Qorti qalet illi, biex tiġi disturbata d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti, jeħtieġ li jkun jidher ċar li hemm raġunijiet ta ċerta gravità). Dan jiġri per eżempju, meta l-Ewwel Qorti tkun interpretat ħażin xi fatt vitali jew tkun għamlet żball ta' liġi. Fil-każ preżenti din il-Qorti ma ssib xejn minn dan;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell prinċipali tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Tiċħad l-appell inċidentali tal-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

U konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu u l-ispejjeż.